



24.10.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni0785/2011, imressqa minn Jolanta Smagłowska, ta' ċittadinanza Pollakka, b'69 firma, dwar il-bini ta' stazzjonijiet ta' rilej għat-telefonija ċellulari f'Varsavja u l-perikli relatati għas-saħħa tal-popolazzjoni lokali

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

B'referenza għar-rakkomandazzjonijiet fid-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 dwar problemi tas-saħħa b'rabta ma' kampi elettromanjetiċi, il-petizzjonanta tispjega li nbnew għadd ta' stazzjonijiet ta' rilej f'żona b'popolazzjoni densa f'Varsavja. Inqabżu l-valuri ta' limitu applikabbli, u l-petizzjonanta ssostni li dan ikkawża għadd ta' mwiet u problemi tas-saħħa fiż-żona. Il-petizzjonanta tenfasizza wkoll li ċ-ċittadini affettwati ma ġewx ikkonsultati dwar każijiet kurrenti u li dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Århus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Billi għadha ma nqatgħet l-ebda sentenza rigward l-ilment imressaq quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mill-petizzjonanta, hija titlob lill-Parlament Ewropew biex jieħu ħsieb li, b'rabta mal-istazzjonijiet ta' rilej ikkonċernati, jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet tal-UE applikabbli f'dan il-qasam u biex jitqiesu kif xieraq is-saħħa u s-sikurezza tal-popolazzjoni lokali.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-16 ta' Novembru 2011. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-16 ta' Diċembru 2011

Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE applikiabbli għal dan il-każ. F'konformità mat-Trattat

dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri huma responsabbli għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku minn kampijiet elettromanjetiċi. L-unika test fil-livell tal-UE dwar il-kampijiet elettromanjetiċi hija r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE li mhijiex vinkolanti dwar il-limitazzjoni tal-espożizzjoni tal-pubbliku għall-kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz-300 GHz)<sup>1</sup>. Il-Kummissjoni ma għandha ebda rwol fl-installazzjoni tal-istazzjonijiet ta' bażi tat-telefonija mobbli.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-petizzjonant jikkuntattja l-awtoritajiet nazzjonali jew lokali rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

#### **4. Risposta addizzjonali tal-Kummissjoni (REV.), li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012**

It-tagħrif addizzjonali pprovdut mill-petizzjonant sfortunatament ma jbidilx il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. L-Istati Membri kollha ħadu miżuri biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-espożizzjoni tal-kampijiet elettromanjetiċi (EMF) iżda kulħadd implimentaha b'mod differenti. Il-Polonja ħolqot limiti ta' espożizzjoni li huma aktar stretta minn dawk tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

---

<sup>1</sup> <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1999:199:0059:0070:MT:PDF> .